MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 142/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**WINSTON JOSEPH GERA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imutazzjonijiet migjuba kontra Winston Joseph Gera, ta' 34 sena, bin Joseph u Monica nee' Bonello, imwieled Tas-Sliema nhar il-31 ta' Mejju, 1972, residenti gewwa l-fond Dibrell, Flat 2, Triq il-Klarissi, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' numru 0239672(M);

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar, 2007 u fil-granet ta'qabel, gewwa Hal-Lija u gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra

minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' zewg stereos tal-karozzi li l-valur taghhom jammonta gahl aktar minn Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Winston Joseph Gera hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------